**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**


# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 17

Data tal-laqgħa: It-Tlieta 19 ta' Awwissu, 2025

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fit-8:30 ta' filgħodu.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Viċi Sindku
Diane Abela Penza – Kunsillier
Carl Betts - Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Lorraine Farrugia Muscia – *Minority Leader*

### ASSENTI:
Ma kien hemm l-ebda membru assenti

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Seguna – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 17.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

17.1.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji kien hemm waħda. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif is-Sinjura Lorraine Farrugia Muscia talbet tkun skużatha minħabba li hija msiefra kif diġà nfurmat lil Kunsill kollu minn qabel fis-seduta preċedenti. Din l-ittra ġiet aċċettatha unanimament.

## 17.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 16

17.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tas-sittax -il laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

17.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Mistoqsijiet jew matters arising u ma kienx hemm.

17.2.3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Calcedonio Cini, li kien issekondat mill-Kunsilliera Diane Abela Penza, l-minuti tas-sittax-il laqgħa ġew approvati unanimament.

## 17.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

17.3.1 Is-Sur Dalli qal li beda x-xogħol ta' wiċċ ġdid fi Triq Mons Joseph Fenech u Sqaq nru 1, fejn ser isiru servizzi ġodda u l-wiċċ bl-imprint. Huwa fakkar kif dan huwa proġett bejn il-Kunsill Lokali u Infrastruttura Malta. Dan ix-xogħol kellu jibda madwar sena u nofs ilu.

17.3.2 Is-Sur Dalli tkellem fuq ix-xogħol li qed isir fi Triq il-Forn Sqaq nru 6, fejn qal li dan kważi lest u wasal fi tmiem. Issa ser jinbeda Triq il-Forn sqaq Nru 3.

17.3.3 Is-Sindku qal li t-tieni mawra sa Sqallija kienet ta' suċċess ieħor. B'kollox inkitbu 59 il-persuna u kulħadd deher sodisfatt.

17.3.4 Is-Sur Dalli qal kif il-Kunsill irċieva imejl mingħand il-Project Green fejn dawn infurmaw lil kunsill kif fil-ġimgħat li ġejjien ser jibda x-xogħol fuq il-ġnien ta' Triq Merino. Project Green għarfet lil Kunsill li jekk irid jista jagħti isem ġdid lil dan il-ġnien. Għalhekk is-Sindku qal kif ser iħabbar konsultazzjoni pubblika, u li din tkun tagħlaq jumejn qabel is-seduta li jmiss ta' Settembru, biex il-Kunsill ikun jista jiddeċiedi jekk jibdilx l-isem jew jibqa kif inhu. Il-Kunsill ġie mitlub jagħti żewġ ismijiet bi priojita li għandu.

17.3.5 Is-Sindku, Anthony Dalli, qal kif ser jibda jaħdem u jikkonsulta ma' xi artisti Maltin, biex il-Kunsill ikollu idea ta' x'jista jagħmel bħala tifkira abbinata maċ-ċitru f'Ħal Lija kif xtaq u hemm qbil li jagħmel il-Kunsill.

## 17.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

17.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

## 17.5 Korrispondenza

17.5.1 Mistoqsijiet kbar dwar ir-rapport tal-korrispondenza ma kienx hemm.

## 17.6 Aġġornament fuq il-Festa Salvatur 2025

17.6.1 Is-Sindku ta aġġornament dwar il-Festa fejn tkellem dwar il-ħsibijiet tiegħu ta' x'mar tajjeb u ta anke x'jista jsir aħjar għal darboħra. Lista annessa mal-minuti ta' dak kollu li ddiskutha s-Sindku. Il-Kunsilliera ħadu nota ta' dak kollu li qal is-Sindku u wara ġew mistoqsija mis-Sindku jekk għandhomx xi suġġerimenti jew kummenti oħra dwar fejn il-Kunsill jista għal sena oħra jtejjeb.

17.6.2 Is-Sur Dalli kompla jgħid kif għal sena oħra ukoll, ser isir komunikat mal-għaqda tal-Festi ta' barra biex ma jorbtux aktar wires tad-dawl mal-lamp posts ornamentali tal-Kunsill, għaliex qed jagħmlulhom l-ħsara. Għal sena oħra ukoll it-tijr huwa li l-arbli tal-festa jsiru fuq il-bankina puliti. Pero din hija xi ħaġa li trid tiġi diskussa mal-għaqda u jsir ħsieb sew fuqha.

17.6.3 Kummenti oħra dwar il-festa ma kienx hemm.

## 17.7 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

17.7.1.1 <u>Garishee order mill-Bank</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv s-Sinjura Seguna nfurmat lil Kunsilliera kif inkonnessjoni mal-Każ tal-flooding, il-Kunsill irċieva garnishee orders mill-bank ta' €29,272 u fuq struzzjoni tal-qorti, u bid-direzzjoni tal-avukat il-Kunsill irid iħallas il-parti tiegħu tal-ispejjeż ta' €14,327.54. Il-Kunsill bgħat iċ-ċekk tiegħu bl-ammont ta' €14,327.54 pero mill-bank xorta nġiebed l-ammont ta' € 29,272 minħabba l-ordni tal-Qorti.

17.7.1.2 Il-Kunsill issa qiegħed f'komunikazzjoni mal-Kuntrattur li kien ħadem (Polidano) għaliex dan skond id-dokument tat-tender li kellu inplace irrid jagħmel tajjeb hu għall-ħsarat u jkopri anke l-parti tal-Kunsill, għaliex kellu jagħmel insurance biex il-Kunsill dejjem ikun kopert. Il-Kunsill qiegħed f'komunkiazzjoni kontinwa ma' Polidano u jekk dan ma jaċċettax il-Kunsill għandu jikkunsidra jiftaħlu kawża.

17.7.2.1 <u>Kunsiderazzjoni – Uffiċjali tal-ERA stazzjonati ġewwa Ħal Lija</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku resqu għal kunsiderazzjoni suġġeriment biex ġewwa Ħal Lija jibda jkun hawn stazzjonati b'mod frekwenti uffiċjali tal-ERA biex dawn iduru diversi hotspots fir-raħal dwar dumping ta' skart illegali. Dawn l-uffiċċjali apparti minn hekk jistgħu ukoll iduru r-raħal biex jaraw li residenti qed josservaw il-liġijiet u l-iskeda tal-iskart kif suppost. Is-Sinjura Seguna qalet li l-Kunsill qed jirċievi ħafna lmenti ta' dumping, ta' nies ma jżommux l-iskart wara biebhom, skart maħruġ mhux fil-ġurnata it-tajba u anke skart li qed jinħareġ mhux fil-ħin.

17.7.2.2 Is-Sinjura Seguna staqsiet lil kulħadd jekk jaqblux li għandu jsir kuntatt mal-ERA anke jekk dan ifisser li jkun hemm enforcement bi taħrikiet. Hija jekk filkas ser tiċċekkja ukoll kemm hija r-rata ta' dawn l-uffiċjali għaliex dan is-servizz skond l-informazzjoni li hija għandha jaf mhux b'xejn imma jaf hemm xi ħlasijiet.

17.7.2.3 Il-Kunsilliera kollha qablu.

17.7.3.1 <u>Imejl – ħsarat fuq residenza ġewwa Triq il-Forn</u>
Is-Sa Seguna nfurmat lil Kunsill kollu li residenta li toqgħod triq il-Forn viċin fejn qed jingħata wiċċ ġdid fi Triq il-Forn sqaq nru 6, il-Kuntrattur stess li qed jaħdem laqtilha l-faċċata tad-dar tagħha u għandha xi ħsarat. Din ir-residenta qed titlob lil kunsill biex jieħu azzjoni u tiġi kkumpensatha ta' dawn id-danni. Is-Sa Seguna qalet li l-imejl ta' din ir-residenta diġà ukoll ġiet mgħoddija lil Perit ta' IM u biex ikellem lil Kuntrattur.

17.7.3.2 Il-Kunsilliera ħadu nota.

17.7.4.1 <u>Imejl Triq M.Debono / Ġ.Portelli – Tyre mifqugħ</u>
Is-Sa Seguna qalet li l-Kunsill irċieva imejl mingħand residenta fejn din qed tgħid li faqgħet tyre fi Triq Ġ.Portelli fil-5 t'Awwissu hija u sejra lejn l-isptar. Hija stess fl-imejl tammetti li telgħat fuq il-bankina u barxet it-tyre mal-bankina li fl-opinjoni tagħha din il-bankina għandha 'sharp edge' u hemm anke xi pipe. Hija qed tgħid li trid tiġi kkumpensatha u tistenna li l-Kunsill iħalsilha it-tyre u anke taxi li kellha taqbad both ways minħabba l-appuntament mediku li kellha.

17.7.4.2 Il-Kunsilliera ħadu nota u ma qablux li għandu jingħata kumpens mill-Kunsill ta' dawn l-ispejjeż diment li hi telgħat fuq il-bankina.

## 17.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

17.8.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 08/25 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €117.34 għax-xahar ta' Lulju 2025.

17.8.2 L-iskeda ta' ħlasijiet imressqa (numru 08/25) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Carl Betts li kien issekondat mill-Viċi Sindku Calcedonio Cini. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-Sindku u s-Sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis- Segretarju Eżekuttiv lura.

## 17.9 Mozzjonijiet

17.9.1 Mozzjonijiet ma kienx hemm.

## 17.10 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

17.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skond l-aġġornamenti li tibgħat it-town planner, l-applikazzjonijiet msemmija hawn taħt, il-Kunsill ingħata suġġeriment biex jikteb ittra ta' rapreżentazzjoni dwarhom:
PA 04840/25 – Dogwood, 137, Triq il-Kbira c/w Triq Ramiro Barbaro, Lija (sa 9 ta' Settembru 2025)
PA 045981/25 – Triq Depiro Gourgion, Fi Triq il-Ġdida, Lija (sa 15 ta' Settembru 2025)

17.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat waħda waħda dwar xiex jitrattaw dawn l-applikazzjoni u staqsiet lil Kunsill kollu jekk jixtieqx jipproċedi billi jikteb lil l-Awtorita kif ġie ssuġġeriet mit-Town planner, dwar xi waħda mill-applikazzjonijiet.

17.10.3 Il-Kunsill iddeċieda li fuq bażi tas-suġġerimenti tat-town planner, isiru ittri ta' rappreżentazzjoni fuq:
PA 045981/25 – Triq Depiro Gourgion, Fi Triq il-Ġdida, Lija.

## 17.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

17.11.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

17.11.2 Il-Viċi Sindku tkellem dwar arblu tad-dawl/bozza fejn iċ-ċimiterju tal-Abbati. Dan ir-resident qed joffri biex jekk filkas ma jistax jsir x'imkien fejn iċ-ċimiterju tal-abbati, jsir mal-ħajt tiegħu l-arblu. Is-Sindku qal li jekk vera lest jkollu bozza mal-faċċata tiegħu filkas joħdilna ritratt, jindikalna fejn jrida u l-Kunsill jibgħatu għall-approvazzjoni tal-Enemalta, u titweħħel ma' kanna mal-faċċata.

17.11.3 Il-Viċi Sindku qal li l-ħaxix reġgħa kiber sew fta' Sejduna. Is-Sindku qal kif dak milux li sar imma jekk reġgħa kiber m'hemmx xtagħmel jitneħħa jrid, issa li jkun jista jinżabar qabel ma jibda l-perjodu li l-Kunsill ma jistax jaqtaw minħabba il-preservazzjoni tan-naħal.

17.11.4 Il-Viċi Sindku qal li avviċinah anke resident li għandu ħajt tas-sejjieħ mwaqqa fi Ħalmann u biex il-Kunsill jgħinu jtellaw. Is-Sindku wieġbu kif dan ir-resident diġà saret diskussjoni fuqu fis-seduta li għaddiet. Dan ir-resident meta il-Kunsill kien qed jirranġa l-ħitan ma riedtx u ma tax il-kunsens biex il-ħajt tiegħu wkoll jiġi rranġat bl-iskema li applika għaliha l-Kunsill. Issa il-Kunsill ma jistax jgħinu u hu huwa responsabbli li jirranġah għaliex kif intqal fis-seduta preċedenti, meta il-ħajt jaqa mit-triq l-isfel, tagħmlu TM u mit-Triq il-fuq hu jrid jagħmlu hu.

17.11.5 Is-Sinjura Abela Penza qalet li l-Fitness classes alissa waqfu u t-tijr huwa li jerġgħu jibdew fi Settembru u preferibbilment fis-Sala tal-Kappillan, il-Ħamis. Hija staqsiet lis-Sindku jekk din l-attivita mhux ser tibqa tiġi ssussidjata mill-Kunsill u kemm. Is-Sindku qal l-aħjar l-ewwel tkellem lil fitness instructor biex il-kunsill jara jekk r-rati tagħha mhux ser jibqaw l-istess qabel ma l-Kunsill jiddeċiedi ux ser jerġa jissussidja u kemm.

17.11.6 Il-Kunsilliera Abela Penza staqsiet jekk kienx hemm xi update dwar is-safety road crossing ħdejn iċ-ċimiterju. Is-Sindku wieġeb kif le u l-Kunsill għadu qed jistenna minn TM. Pero mixja l-kwistjoni għaliex TM bgħatet xi struzzjonijiet dwar din il-crossing lill-uffiċċjali inkarigati ta' IM. Sadanittant is-Sa Abela Penza staqsiet jekk il-Kunsill għandux jpoġġi pulizija biex jgħin lin-nies jaqsmu. Is-Sindku qal li din diġà ssir mill-Kunsill u speċjalment f'ċertu okkazzjonijiet bħal eżempju Jum il-Missier u Jum l-Omm dejjem il-Kunsill iqabbad pulizija ikun stazzjonat biex jgħin lin-nies jaqsmu. F'dan l-istadju l-Kunsill jistenna risposta mingħand TM u IM jrid biss.

17.11.7 Il-Kunsilliera Diane Abela Penza qalet li Triq Kardinal Ferretti saret perikoluża ħafna fil-biċċa one-way għax karozzi qed jgħaddu kontra t-tabelli. Hija qalet li t-Tabella tal-one way qed tkun dejjem mgħottija bi vann u jekk din tista tiċċaqlaq u ssir in-naħa l-oħra. Is-Sindku qal kif ser jerġa jkellem lill-pulizija dwar dan il-każ. Fl-opinjoni tiegħu t-tabella għandha tibqa fejn hi u n-naħa l-oħra tiġi ordnatha vleġġa biex tkompli tenforza il-kunċett ta' one-way.

17.11.8 Is-Sa Diane Abela Penza ssuġġeriet ukoll biex tingħata għajnuna mill-community police forsi biex anke ma jsirx parkeġġ illegali, fuq il-bankina jew double parking, speċjalment kif terġa tibda l-iskola u anke fi triq Annibale Preca ħdejn ic-child care centre. Tajjeb ikun hemm monitoring għal dawn l-affarijiet aktar, f'dawn l-akwati.

Il-Ħin kien 09:45am x'ħin intemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 23 ta' Settembru 2025 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fil- 5:00pm mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum it-Tlieta 23 ta' Settembru 2025.

IFFIRMAT
Anthony Dalli
Sindku

IFFIRMATA
Pamela Seguna
Segretarju Eżekuttiv